# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Gunju, 2001**

**Numru 7**

**Avviz Nru. 927/98 SM**

**John Peel ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Standard Publications Limited**

**vs**

**Joseph Bezzina**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Dicembru, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas is-somma ta' tlett mitt lira (LM300) bilanc ta' somma akbar prezz ta' gazzetti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut f'diversi okkazzjonijiet skond l-istatement Dok.A;

2. Bl-ispejjez komprizi tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Dicembru 1997 u tal-mandat prezentat mal-avviz u bl-imghax ta' 8% mill-1 t'Ottubru, 1997 kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz tieghu eccepixxa s-segwenti:

1. Preliminarjament il-privilegium fori in kwantu l-konvenut jirrisedi f'Ghawdex u n-negozji mertu tal-kawza saru f'Ghawdex. Ghalhekk huwa moghti lilu l-jedd li jigi citat quddiem it-tribunal ta' dik il-gzira;

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-jedd u fil-fatt peress illi l-esponenti ma ghandu jhallas xejn lis-socjeta' attrici;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat is-sentenza preliminari taghha datata s-26 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm espressi ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jkunu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici qed tippretendi l-ammont minnha ndikat fl-avviz odjern a bazi ta' "statement of outstanding invoices" anness ma' l-istess avviz;

2. Illi l-konvenut dejjem sostna li kien gia' hallas l-ammont minnhu mitlub f'din il-procedura;

Ikkonsidrat:

> Illi s-socjeta' attrici qatt ma ipproduciet l- "invoices" li fuqhom qed tistrieh biex ipprezentat l-istatement taghha;
>
> Illi l-produzzjoni biss ta' "statetment" mhux bizzejjed biex jipprova l-allegazzjoni tas-socjeta' attrici;
>
> Ghaldaqstant, din il-qorti tiddeciedi li tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez".

Mill-istess sentenza appellat is-socjeta' attrici permezz ta' rikors ta' appell ipprezentat fit-22 ta' Dicembru, 2000, li bih din il-Qorti ntalbet li tirrevoka s-sentenza appellata filwaqt li tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm300 mitluba fl-avviz bl-imghaxijiet kif hemm mitluba, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Il-konvenut appellat ipprezenta risposta ta' l-appell fit-12 ta' Jannar, 2001, li biha talab ir-rigett ta' l-istess appell u l-konferma tas-sentenza appellata bl-ispejjez.

Qabel tibda biex telenka x'inhuma l-aggravji ta' l-appell u anke tidhol biex tikkonsidrahom din il-Qorti trid tippreciza illi ma jistax ikun hemm dubbju minn kif inhi redatta s-sentenza appellata illi r-raguni ghala l-ewwel Qorti rrespingiet it-talbiet attrici kienet li, ghaliex fil-fehma taghha il-produzzjoni biss ta' *statement* cioe' ta' rezokont tal-pretensjoni tal-kreditu attrici minghajr ma jkunu gew prodotti l-*invoices* li huma l-bazi ta' dak l-*istatement* mhux prova sufficjenti.

In effetti l-aggravju ta' l-appell huwa impernjat f'kontestazzjoni ta' din il-konsiderazzjoni pratikament unika ta' l-ewwel Onorabbli Qorti kif ser jigi spjegat.

L-appellant ma jaqbel xejn mal-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li ghada kif issemmiet. Huwa jissottometti fir-rigward li minn ezami tal-process jidher illi l-konvenut qatt ma kkontesta l-kontenut ta' l-istess *statement* li jikkontjeni riferenza dettaljata ghall-*invoices* rilevanti. Kif qalet l-istess Qorti, il-konvenut dejjem sostna li kien gia hallas l-ammont minnu mitlub f'din il-procedura. Fi kliem iehor il-konvenut qatt ma kkontesta l-precizzjoni tal-kontenut ta' l-i*statement* esebit mis-socjeta' attrici mac-citazzjoni, izda kkontesta biss it-talba attrici fuq il-bazi tal-pagament. Ifisser dan li l-istatement kontinenti b'riferenza dettaljata ghall-*invoices* mhux imhallsa skond l-attur nomine, gie accettat mill-konvenut li invece ippretenda li hu kien hallas dak li kien qed jigi mitlub bl-*istatement*. Il-konvenut infatti llimita l-kontestazzjoni tieghu billi sostna, kif ipprecizat l-ewwel Qorti stess, li hu kien gia hallas l-ammont minnu mitlub f'din il-procedura.

Fil-fehma ta' l-appellant ghalhekk, in vista ta' dan, u cioe' tal-kontestazzjoni limitata tal-konvenut, ma kienx necessarju ghas-socjeta' attrici li tipproduci wkoll l-invoices li ghalihom kienet saret riferenza

ampja fl-*istatement* anness ma' l-avviz, billi l-ezistenza ta' dawn l-*invoices* kienet giet indirettament accettata mill-konvenut meta huwa sostna li kien hallashom.

L-appellant jissottometti wkoll li inoltre giet prodotta wkoll ix-xhieda ta' John Peel li huwa l-Controller tas-socjeta' attrici, u dana ikkonferma bil-gurament tieghu fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 1999, li l-ammont indikat fl-avviz mertu ta' din il-kawza u li ghalih kienu jirreferu l-*invoices* indikati fl-istess *statement* kienu ghadhom dovuti mill-konvenut. L-appellant jissottometti li anke in mankanza ta' l-invoices infishom, din il-konferma bil-gurament tal-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici kienet sufficjenti biex, in mankanza ta' provi kuntrarji, l-ewwel Qorti setghet tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici. Dan aktar u aktar ghaliex l-istess xhud jaghmel riferenza ghall-*invoices* li l-kontenut tghhom ma kienx qed jigi kontestat mill-konvenut.

Imbaghad l-appellant jissottometti li una volta l-konvenut kien qieghed jissottometti bhala eccezzjoni l-pagament, kien jispetta lilu li jaghmel tali prova. Skond l-appellant fil-fatt il-konvenut lanqas biss indenja ruhu jitla' jixhed. Ipproduca biss ix-xhieda ta' Mario Casha u ta' Paul Zammit li jirreferu ghall-pagament ta' Lm300 permezz ta' cheque li gie effettivament imsarraf fit-28 ta' Ottubru, 1995. Pero', billi mill-*istatement* kif ukoll mill-*invoices* stess kellu jirrizulta li d-debitu jirreferi ghas-sena

1997, jigifieri sentejn wara li ssarraf l-istess cheque, ma jistax ikun li dak il-pagament sar akkont jew ghas-saldu tad-debitu pretiz f'din il-kawza, liema debitu gie krejat sentejn wara. Ghalhekk fil-fehma ta' l-appellant tonqos il-prova da parti tal-konvenut li hallas l-ammont li ghalih l-invoices jirreferu.

F'dan il-kuntest l-appellant kontestwalment mar-rikors ta' l-appell ipprezenta diversi *invoices* li naqas li jipprezenta fil-prim'istanza, u jaghmel anke xi kalkoli biex juri kif effettivament is-socjeta' attrici waslet ghall-figura ta' Lm300 li mbaghad giet konfermata minn John Peel fid-depozizzjoni tieghu li tifforma l-meritu tal-kawza odjerna.

Fuq l-esebizzjoni ta' dawn l-*invoices* kollha saret oggezzjoni f'dan l-istadju mill-konvenut peress li jsostni illi dawn imisshom gew ipprezentati fi prim'istanza u fi kwalunkwe kaz, la ma gewx prezentati fil-prim'istanza u anke s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hi bazata fuq in-nuqqas ta' prezentata taghhom ma hux lecitu li jigu prezentati f'din l-istanza.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ezistenza ta' dawn l-invoices fl-atti ta' din il-kawza f'dan l-istadju hija pjuttost irrilevanti peress li din il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti hija legalment wahda zbaljata.

Infatti, fil-fehma ta’ din il-Qorti, l-posizzjoni legali li kienet temergi quddiem l-ewwel Qorti kienet li kien hemm kreditu pretiz redatt f’forma ta’ *statement* li gie konfermat bil-gurament minn rapprezentant tas-socjeta’ attrici bhala l-ammont dovut mill-konvenut u bhal ammont kalkolat korrettement, u min-naha tal-konvenut ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-ezattezza ta’ dik is-somma jew ta’ l-ammonti ta’ l-*invoices* li kienu jwasslu ghal dik is-somma. Kien hemm biss l-allegazzjoni u l-eccezzjoni tal-pagament. Mela l-posizzjoni legali quddiem l-ewwel Qorti ma kienwtx tirrigwarda l-korrettezza o meno tas-somma ta’ Lm300 jew inkella ta’ l-*istatement* minnu nnifsu, jew inkella ta’ l-*invoices* li qeghdin nitkellmu fuqhom imma dwar jekk l-allegazzjoni in linea ta’ difiza da parti tal-konvenut li huwa kien hallas l-ammont pretiz ta’ Lm300 kienetx provata jew le, u l-prova tal-pagament kienet tispetta mhux lis-socjeta’ attrici imma lill-konvenut.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti s-sottomissjoni tas-socjeta’ attrici li l-ewwel Qorti zbaljat f’dan l-apprezzament u li l-konvenut inoltre naqas li jaghmel prova ta’ l-allegat pagament, hija fondata. Infatti, ghalkemm jidher li l-konvenut gab prova li fl-1995 gie inkassat cheque ta’ Lm300 li ghalih l-atti jirreferu, dan hu ovvju illi ma setghax kien jirreferi ghall-krediti li ghalihom l-*istatement* meritu ta’ din il-kawza jirreferu, peress illi c-cheque jirrisali ghall-1995 mentri l-kreditu ta’ Lm300 pretiz permezz ta’ din il-kawza jirrisali l-aktar ghall-1997.

Jigifieri certament li din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz illi tisfilza mill-atti ta' din il-kawza l-*invoices* li gew esebiti, anke ghaliex wara kollox bil-ligi kif inhi llum huwa obbligu ta' min jappella li mar-rikors ta' l-appell jipprezenta dawk id-dokumenti kollha li huma necessarji biex isostni l-aggravji tieghu, kif lanqas huwa il-kaz li din il-Qorti tikkondividi l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti kemm dwar dak li huwa ligi, kif ukoll dwar dak li huwa fatt.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi akkolt, is-sentenza appellata qed tigi revokata, l-eccezzjoni tal-pagament sollevata mill-konvenut qed tigi respinta, u t-talbiet attrici qed jigu akkolti bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-1 ta' Ottubru, 1997, kontra l-konvenut appellant.

Dep/Reg

mm